Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 25 ta' Ottubru 2017**
**(OR. en)**

**13336/17**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0389 (COD)**

**AGRI 557**
**AGRIORG 102**
**AGRISTR 94**
**STATIS 67**
**AGRIFIN 110**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 12918/17 COR1<br>12918/17 |
| Nru dok. Cion: | 15485/16+ADD |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istatistika integrata dwar l-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011<br>- *adozzjoni tal-approċċ ġenerali* |

1. Fit-12 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq kif ukoll il-valutazzjoni tal-impatt tagħha (dok. 15485/16). L-għan tar-Regolament propost hu li jistabbilixxi qafas għall-istatistika agrikola Ewropea fil-livell tal-azjendi agrikoli u li jipprevedi l-integrazzjoni tal-informazzjoni strutturali ma' informazzjoni oħra, bħall-metodi ta' produzzjoni, il-miżuri ta' żvilupp rurali, l-aspetti agroambjentali u oħrajn.

2. Din l-inizjattiva REFIT tagħmel parti mill-Istrateġija għall-Istatistika Agrikola għall-2020 u lil hinn, li għandha l-għan li tissimplifika s-Sistema Ewropea tal-Istatistika Agrikola (EASS) b'mod ġenerali u li l-proċess ta' ġbir tad-data jsir aktar effiċjenti u rilevanti. Jenħtieġ li r-Regolament propost, li għandu jkun fis-seħħ qabel tmiem is-sena 2018, jiżgura li titkompla s-sensiela ta' stħarriġ dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli Ewropej, u b'hekk jiżgura sensieli ta' żmien konsistenti, filwaqt li jissodisfa l-ħtiġijiet ġodda u dawk emerġenti għad-data fil-livell tal-azjendi agrikoli. It-tieni proposta dwar Regolament qafas dwar l-Istatistika dwar l-Mezzi ta' Produzzjoni/il-Produzzjoni Agrikola (SAIO) mistennija ssegwi fil-futur qrib u jeħtieġ li tkun fis-seħħ qabel l-2022.

3. Matul il-Presidenza MT, il-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt ġew eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistika fil-laqgħat tiegħu tat-22 ta' Frar u s-7 ta' April. Matul il-Presidenza EE, u abbażi tat-testi tal-Presidenza[1], il-Grupp ta' Ħidma kompla jeżamina l-proposta fil-laqgħat tiegħu tad-19 ta' Lulju, tas-6 u t-28 ta' Settembru u tat-12 ta' Ottubru. Fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Ottubru, fil-Grupp ta' Ħidma intlaħaq qbil unanimu dwar test tal-Presidenza, li jinsab fl-ANNESS għal din in-nota.

4. Jenħtieġ li jiġi nnutat li l-proposta tal-Kummissjoni b'mod ġenerali, u żewġ dispożizzjonijiet ġodda introdotti mill-Kunsill (il-Premessa 16a u l-Artikolu 12a) b'mod partikolari, huma soġġetti għall-opinjoni pendenti tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD). Fl-14 ta' Marzu, il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta lill-KEPD dwar il-proposta u fis-26 ta' Settembru, il-Kunsill talab ukoll lill-KEPD biex jikkunsidra ż-żewġ dispożizzjonijiet ġodda introdotti mill-Kunsill. Il-KEPD huwa mistenni jagħti l-opinjoni tiegħu sal-aħħar ta' Novembru u sa dak iż-żmien jenħtieġ li t-testi tal-Premessa 16a u l-Artikolu 12a jitqiesu li ġew maqbula proviżorjament mill-Kunsill.

5. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (COMAGRI) adotta r-rapport u l-emendi tiegħu dwar il-proposta IFS fl-10 ta' Ottubru u l-Plenarja tal-PE kkonfermat il-mandat ta' negozjar tar-rapporteur fil-ġimgħa tat-23 ta' Ottubru.

[1] Id-dokumenti 10607/17, 12199/17.

6. Il-Presidenza biħsiebha tilħaq qbil mad-delegazzjonijiet dwar il-linja li għandha tittieħed b'rabta mal-emendi tal-PE fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistika tal-15 ta' Novembru, bil-ħsieb tal-ewwel trilogu li ser isir fit-28 ta' Novembru. Il-Presidenza ser tinforma lid-delegazzjonijiet dwar l-eżitu tal-ewwel trilogu fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistika tas-7 ta' Diċembru u ser tfittex aktar gwida mid-delegazzjonijiet dwar il-pożizzjonijiet finali li għandhom jittieħdu fit-tieni u l-aħħar trilogu tat-12 ta' Diċembru. Fl-20 ta' Diċembru, il-Presidenza biħsiebha terġa' tiġi quddiem il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti biex tagħti rapport dwar l-eżitu tan-negozjati mal-Parlament Ewropew.

7. Fid-dawl ta' dak kollu msemmi hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill huwa mistieden japprova l-approċċ ġenerali tal-Kunsill għall-proposta tal-Kummissjoni kif tinsab fl-ANNESS għal din in-nota, li għandu jikkostitwixxi l-bażi għall-mandat tal-Presidenza biex jingħata bidu għan-negozjati mal-Parlament Ewropew.

**ANNESS**

**Approċċ ġenerali tal-Kunsill**

2016/0389 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istatistika integrata dwar l-azjendi agrikoli**

**u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] jistabbilixxi qafas għall-istatistika Ewropea dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli sal-2016. Jenħtieġ li sussegwentement, ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 jitħassar.

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar stħarriġ ta' strutturi tal-impriżi agrikoli u stħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 (ĠU L 321, 1.12.2008, p. 14).

(2) Jenħtieġ li l-programm ta' stħarriġ Ewropew dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli, li ilu jitwettaq fl-Unjoni mill-1966, jitkompla sabiex jiġu eżaminati x-xejriet fl-istruttura tal-azjendi agrikoli fil-livell tal-Unjoni u tiġi pprovduta l-bażi tal-għarfien statistiku meħtieġ għat-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' politiki relatati, b'mod partikolari l-Politika Agrikola Komuni u l-politiki dwar l-ambjent, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu.

(3) Evalwazzjoni internazzjonali tal-istatistika agrikola wasslet għall-istabbiliment tal-Istrateġija Globali għat-Titjib tal-Istatistika Agrikola u Rurali tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) li ġiet approvata mill-Kumitat tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSC) fl-2010. Jenħtieġ li, fejn xieraq, l-istatistika agrikola Ewropea ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Istrateġija Globali għat-Titjib tal-Istatistika Agrikola u Rurali, kif ukoll dawk tal-Programm Dinji tal-FAO għaċ-Ċensiment tal-Agrikoltura 2020.

(4) Għad-deċennju li jmiss jenħtieġ li jiġi stabbilit programm ta' stħarriġ bi skopijiet multipli dwar l-azjendi agrikoli sabiex jipprovdi l-qafas għal statistika armonizzata, komparabbli u koerenti.

(5) L-Istrateġija dwar l-Istatistika Agrikola għall-2020 u lil hinn, stabbilita mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) f'Novembru 2015, tipprevedi l-adozzjoni ta' żewġ Regolamenti qafas li jkopru l-aspetti kollha tal-istatistika agrikola, bl-eċċezzjoni tal-Kontijiet Ekonomiċi għall-Agrikoltura. Dan ir-Regolament dwar l-istatistika integrata dwar l-azjendi agrikoli huwa wieħed minn dawk ir-Regolamenti qafas.

(6) Għall-finijiet tal-armonizzazzjoni u l-komparabbiltà tal-informazzjoni dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli u bil-għan li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet attwali tal-Organizzazzjoni tas-Suq Uniku u b'mod partikolari s-settur tal-frott u l-inbid, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1337/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] jiġi integrat mal-informazzjoni strutturali fil-livell tal-azjendi agrikoli mill-2023 'il quddiem u jiġi sostitwit minn dan ir-Regolament. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1337/2011 jitħassar.

(7) L-istatistika komparabbli mill-Istati Membri kollha dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli hija importanti biex tiddetermina l-iżvilupp tal-politika agrikola komuni. Għalhekk jenħtieġ li l-klassifikazzjonijiet standard u d-definizzjonijiet komuni jintużaw sa fejn hu possibbli għall-karatteristiċi tal-istħarriġ.

(8) Fost raġunijiet oħra, għall-finijiet tal-aġġornament tar-reġistri bażiċi tal-azjendi agrikoli u l-bqija tal-informazzjoni meħtieġa għall-istratifikazzjoni tal-kampjuni, jenħtieġ li fl-Unjoni jsir ċensiment tal-azjendi agrikoli mill-inqas kull għaxar snin. L-aktar ċensiment reċenti sar fl-2009/2010.

(9) Sabiex jiġi evitat li jitqiegħed piż bla bżonn fuq l-azjendi agrikoli u l-amministrazzjonijiet nazzjonali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti livelli limitu.

(9a) Biex issir analiżi xierqa tal-bidliet strutturali fl-agrikoltura Ewropea, jenħtieġ li 98 % tal-erja agrikola użata u l-bhejjem fl-azjendi agrikoli jkunu koperti mill-istatistika. F'xi wħud mill-Istati Membri, dan ifisser li l-livelli limitu elenkati fl-Anness II huma għoljin wisq. Madankollu, l-azjendi li jaqgħu taħt il-livelli limitu tant huma żgħar li biżżejjed li jitwettaq stħarriġ kampjunarju darba kull għaxar snin biex tkun tista' tiġi stmata l-istruttura u l-impatt tagħhom fuq il-produzzjoni, b'tali mod li l-ispejjeż u l-piżijiet marbutin mal-istħarriġ ikunu jistgħu jitnaqqsu b'mod sostanzjali.

[3] Ir-Regolament (KE) Nru 1337/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 rigward l-istatistika Ewropea dwar għelejjel permanenti u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 357/79 u d-Direttiva 2001/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 7).

(10) Jenħtieġ li l-erjas li jintużaw għall-produzzjoni agrikola jiġu koperti mill-istatistika integrata dwar l-azjendi agrikoli, inkluż l-art użata minn diversi azjendi agrikoli peress li japplikaw drittijiet komuni.

(11) Biex jitnaqqas l-oneru tar-risposta, jenħtieġ li l-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika (NSIs) u awtoritajiet nazzjonali oħra jkollhom aċċess għal data amministrattiva, dment li dik id-data tkun meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, f'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament 223/2009.

(12) Għall-finijiet ta' flessibbiltà għas-sistema Ewropea tal-istatistika agrikola, u s-simplifikazzjoni u l-immodernizzar tal-istatistika agrikola, jenħtieġ li l-fatturi varjabbli li għandhom jinġabru jiġu allokati lil gruppi ta' ġbir differenti (data u moduli ċentrali) li jvarjaw fil-frekwenza jew fir-rappreżentattività, jew it-tnejn.

(12a) L-oneru tar-risposta u l-ispejjeż jistgħu jitnaqqsu ulterjorment billi tali data terġa' tintuża fejn id-data tirreferi għas-sena direttament qabel jew wara s-snin ta' referenza. Dan ikun partikolarment rilevanti għall-aspetti fejn ma tkun mistennija l-ebda bidla sostanzjali minn sena għall-oħra.

(12b) Għall-finijiet ta' flessibbiltà u biex jitnaqqas l-oneru tar-risposta fuq min iwieġeb, fuq l-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra, l-Istati Membri jistgħu jużaw stħarriġ statistiku, reġistri amministrattivi u kwalunkwe sors, metodu jew approċċ innovattiv ieħor inkluż metodi b'bażi xjentifika u dokumentati sew bħall-imputazzjoni, l-istimar u l-immudellar.

(13) Jenħtieġ li l-ġbir ta' informazzjoni dwar l-użu ta' nutrijenti u ilma u dwar il-metodi ta' produzzjoni agrikola li jiġu applikati f'azjendi agrikoli jitjieb biex tkun pprovduta statistika addizzjonali għall-iżvilupp tal-politika agroambjentali u biex titjieb il-kwalità tal-indikaturi agroambjentali.

(14) Għall-ġeoreferenza tal-azjendi, jenħtieġ li tintuża l-grilja tat-temi tal-Unitajiet Statistiċi f'konformità mal-Anness III tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]].

(15) Il-Kummissjoni għandha tirrispetta l-kunfidenzjalità tad-data trasmessa f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4]. Jenħtieġ li l-protezzjoni meħtieġa tal-kunfidenzjalità tad-data tkun żgurata, fost mezzi oħra, bil-limitazzjoni tal-użu tal-parametri tal-post għall-analiżi ġeografika tal-informazzjoni u bl-aggregazzjoni xierqa meta l-istatistika tiġi ppubblikata. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li jiġi żviluppat approċċ armonizzat għall-aspetti marbutin mal-protezzjoni tal-kunfidenzjalità u l-kwalità għad-disseminazzjoni tad-data.

(16) Kwalunkwe proċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament huwa soġġett għad-Direttiva 95/46/KE u għad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħha, u/jew għar-Regolament 45/2001, skont ma jkun il-każ.

(16a) Il-produzzjoni ta' statistika nazzjonali u tal-Unjoni tirrikjedi l-ġbir ta' data personali li tinżamm f'forma personali sakemm tiġi pproċessata ulterjorment biex tinħoloq statistika aggregata. Fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tal-proċessi tal-istatistika li jwasslu għall-produzzjoni ta' statistika fl-interess pubbliku, jenħtieġ li l-applikazzjoni tad-dritt ta' aċċess mis-suġġett tad-data, id-dritt għar-rettifika, id-dritt għal restrizzjoni tal-ipproċessar u d-dritt ta' oġġezzjoni stabbiliti fl-Artikoli 15, 16, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2016/679 tiġi eskluża f'każijiet fejn l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u/jew awtoritajiet nazzjonali oħra jipproċessaw data statistika fl-interess pubbliku f'konformità mal-Artikolu 338 TFUE u r-Regolament (KE) Nru 223/2009.

---

4 Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasmissjoni ta' data soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

Il-produzzjoni tal-istatistika tal-Unjoni hi meħtieġa għat-twettiq tal-attivitajiet tal-Unjoni u hi bbażata fuq prinċipji statistiċi, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' oġġettività, affidabilità, kosteffettività u kwalità tal-istatistika, inkluża l-attwalità tagħha. Jekk jiġu applikati ċerti drittijiet stipulati fir-Regolament (UE) 2016/679, ma tkunx possibbli l-produzzjoni tal-istatistika tal-Unjoni jew inkella l-produzzjoni ta' tali statistika f'konformità mal-prinċipji tal-istatistika applikabbli, tiġi mxekkla serjament. Aktar speċifikament, l-għoti ta' aċċess għal data personali fiċ-ċirkostanzi kollha jkun teknikament diffiċli ħafna peress li d-data personali marbuta ma' suġġett tad-data partikolari tkun mifruda mill-identifikazzjoni tas-suġġett tad-data. B'riżultat ta' dan, il-fajls statistiċi fihom data psewdonimizzata biss u, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, numru limitat ta' fatturi varjabbli. Barra minn hekk, l-aċċess għall-fajls statistiċi li fihom data personali jingħata biss lil numru limitat ta' persunal tal-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika, hu ristrett għall-fini li jitwettaq l-kompitu konkret inkwistjoni u l-persunal ikkonċernat hu marbut minn regoli dwar il-kunfidenzjalità tal-istatistika, li f'każ ta' ksur tagħhom jiġu applikati ċerti sanzjonijiet. Konsegwentement, bil-għan li terġa' tiġi stabbilita rabta bejn id-data u numru ta' identifikazzjoni nazzjonali partikolari, ser ikun meħtieġ, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, li jkun hemm rabta bejn għadd kbir ta' fajls statistiċi li d-data li tinsab fihom kienet preċedentement mifruda. Ser ikun meħtieġ ukoll li jinżamm rekord tal-format oriġinali li fih ikunu ġew riċevuti r-reġistri tad-data.

Konsegwentement, bil-għan li jitwettaq l-għan tal-produzzjoni tal-istatistika tal-Unjoni, ser jenħtieġ li tkun prevista deroga mill-applikazzjoni tad-dritt ta' aċċess kif ukoll mid-dritt għal rettifika. Għall-istess raġunijiet, jenħtieġ li tiġi prevista din it-tip ta' deroga mill-applikazzjoni tad-dritt għal restrizzjoni tal-ipproċessar u d-dritt ta' oġġezzjoni peress li l-eżerċizzju ta' tali drittijiet xorta waħda jkun jeħtieġ dan it-tip ta' ristabbiliment ta' rabta bejn id-data u suġġett tad-data partikolari. Barra minn hekk, l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet tal-aħħar, speċjalment meta jiġu eżerċitati minn numru kbir ta' suġġetti tad-data, ikun qed imur kontra l-iskop tal-produzzjoni tal-istatistika tal-Unjoni, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mar-rappreżentattività u l-affidabbiltà tagħha.

Jenħtieġ li l-ipproċessar tad-data personali għall-iskop tal-produzzjoni ta' statistika nazzjonali u, konsegwentement, ta' statistika tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 338 TFUE u r-Regolament (KE) Nru 223/2009 jkun soġġett għal salvagwardji adatti li jirrikjedu li d-data personali tintuża biss għal għanijiet ta' statistika u m'għandhiex tintuża biex jittieħdu miżuri jew deċiżjonijiet rigward kwalunkwe suġġett tad-data partikolari, u li jenħtieġ li jkun soġġett għal psewdonimizzazzjoni jew salvagwardji xierqa oħra. Barra minn hekk, jenħtieġ li japplika r-rekwiżit ta' kunfidenzjalità tal-istatistika. Dan ir-rekwiżit hu stabbilit fl-Artikolu 338(2) TFUE u fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 u kompla jiġi elaborat fil-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea, adottat f'konformità mal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri fiżiċi, teknoloġiċi u organizzattivi biex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-istatistika.[5]

(17) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea msemmija f'dan ir-Regolament għall-fini tad-definizzjoni tal-popolazzjoni rilevanti tal-azjendi agrikoli.

(18) F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], jenħtieġ li l-unitajiet territorjali jiġu definiti f'konformità mal-klassifikazzjoni tan-Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika (NUTS).

---

5 Jenħtieġ li jitqies li ntlaħaq qbil proviżorju dwar it-test tal-Premessa 16a u l-Artikolu 12a, sakemm tingħata l-opinjoni tal-KEPD.

6 Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

7 Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.06.2003, p. 1).

(19) Jenħtieġ li jintalab finanzjament fuq numru ta' snin kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-Unjoni sabiex isir il-ġbir tad-data. Għalhekk, jenħtieġ li tkun prevista għotja tal-Unjoni b'appoġġ għal dak il-programm permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija taħt ir-Regolament (KE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8].

(20) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għat-tul tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) rilevanti li jikkostitwixxi r-referenza ewlenija għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali, fis-sens tal-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[9]**.** Ir-Regolament jipprevedi l-istabbiliment tal-baġit għal aktar ġbir ta' data fil-kuntest tal-qafas finanzjarju sussegwenti.

(21) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-produzzjoni sistematika ta' statistika Ewropea dwar azjendi agrikoli fl-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista', għalhekk, għal raġunijiet ta' konsistenza u kumparabbiltà jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Unjoni tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

---

8 Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

9 ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

(22) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jipprovdi qafas ta' referenza għall-istatistika Ewropea u jirrikjedi li l-Istati Membri jikkonformaw mal-prinċipji statistiċi u mal-kriterji ta' kwalità speċifikati f'dak ir-Regolament. Ir-rapporti ta' kwalità huma essenzjali għall-valutazzjoni, it-titjib u l-komunikazzjoni dwar il-kwalità tal-istatistika Ewropea. L-ESSC approva standard tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) għal Struttura ta' Rapporti ta' Kwalità, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Jenħtieġ li l-istandard tal-ESS jikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni ta' rappurtar ta' kwalità skont dan ir-Regolament.

(23) Twettqet valutazzjoni tal-impatt skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, sabiex il-programm statistiku stabbilit b'dan ir-Regolament ikun iffukat fuq il-ħtieġa għal effettività fil-kisba tal-objettivi u biex il-limitazzjonijiet baġitarji jiġu inkorporati mill-fażi tat-tfassil 'il quddiem.

(24) Biex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tad-deskrizzjonijiet tal-fatturi varjabbli elenkati fl-Anness III u l-elementi tekniċi tad-data li għandhom jiġu pprovduti, fejn tiġi definita l-informazzjoni li għandha tingħata fuq bażi ad hoc, kif ukoll jiġu stabbiliti l-modalitajiet u l-kontenut tar-rapporti tal-kwalità. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] tas-16 ta' Frar 2011.

(24a) Il-Kummissjoni ser tikkonsulta lill-gruppi ta' esperti u l-partijiet ikkonċernati mmirati fit-tħejjija bikrija ta' abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni, kif xieraq u kull meta tkun meħtieġa kompetenza aktar vasta f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

[10] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(25) Biex jittieħed kont tal-ħtiġijiet tad-data li qed jitfaċċaw u li jirriżultaw prinċipalment minn żviluppi ġodda fl-agrikoltura, il-leġislazzjoni riveduta u l-prijoritajiet tal-politika li qed jinbidlu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea b'rabta mal-emendar tas-suġġetti dettaljati elenkati fl-Anness IV. Sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà u jiġi ffaċilitat l-użu ta' sorsi ta' data oħra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea b'rabta mal-emendar tal-fatturi varjabbli elenkati fl-Anness III. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitmexxew skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[11]. B'mod partikolari, biex tkun żgurata l-parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u li l-esperti tagħhom ikollhom sistematikament aċċess għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jieħdu ħsieb it-tħejjija tal-atti delegati.

(26) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-data ġie kkonsultat.

(27) Ġie kkonsultat ukoll il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

[11] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas għal statistika Ewropea fil-livell tal-azjendi agrikoli u jipprevedi l-integrazzjoni ta' informazzjoni dwar l-istruttura ma' dik dwar metodi ta' produzzjoni, miżuri ta' żvilupp rurali, aspetti agroambjentali u informazzjoni relatata oħra.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "azjenda agrikola" tfisser unità unika, kemm teknikament kif ukoll ekonomikament, li għandha ġestjoni unika u li twettaq attivitajiet ekonomiċi fl-agrikoltura, skont ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006, li jagħmlu parti mill-gruppi A.01.1, A.01.2, A.01.3, A.01.4, A.01.5 jew mill-"manutenzjoni ta' art agrikola f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba" tal-grupp A.01.6 fit-territorju ekonomiku tal-Unjoni, bħala l-attività primarja jew sekondarja tagħha. Rigward l-attivitajiet tal-klassi A.01.49, huma inklużi biss l-attivitajiet ta' "Trobbija u tnissil ta' annimali semidomestiċi jew annimali ħajjin oħra" (bl-eċċezzjoni tat-trobbija tal-insetti) u ta' "Trobbija ta' naħal u l-produzzjoni ta' għasel u x-xemgħa tan-naħal";

(b) "unità agrikola tal-art komuni" tfisser entità ta' art li fuqha japplikaw drittijiet komuni u li tintuża minn żewġ azjendi agrikoli jew iktar għall-produzzjoni agrikola, iżda li mhix allokata fosthom;

(c) "reġjun" tfisser l-unità territorjali tan-Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika (NUTS), definita f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1059/2003;

(d) "unità ta' bhejjem" tfisser unità ta' kejl standard li tippermetti l-aggregazzjoni tad-diversi kategoriji ta' bhejjem sabiex ikunu jistgħu jitqabblu; il-koeffiċjenti għall-istabbiliment tal-unitajiet ta' bhejjem għall-kategoriji ta' bhejjem individwali huma elenkati fl-Anness I;

(da) "erja agrikola użata (UAA)" tfisser erja ta' art li tintuża għall-biedja, inkluż art li tinħadem, bwar permanenti, għelejjel permanenti u art agrikola oħra li tintuża;

(e) "sena ta' referenza" tfisser is-sena kalendarja li għaliha jirreferu l-perijodi ta' referenza;

(f) "ġnien kulinari" tfisser erjas li jintużaw għall-produzzjoni ta' ikel maħsub għall-konsum proprju;

(ga) "modulu" tfisser sett ta' data wieħed jew diversi settijiet organizzati sabiex jiġu koperti suġġetti partikolari;

(h) "suġġett" tfisser il-kontenut tal-informazzjoni li għandha tinġabar dwar l-unitajiet statistiċi, kull suġġett ikopri għadd ta' suġġetti dettaljati;

(i) "suġġett dettaljat" tfisser il-kontenut dettaljat tal-informazzjoni li għandha tinġabar dwar l-unitajiet statistiċi b'rabta ma' suġġett speċifiku, fejn kull suġġett dettaljat ikopri numru ta' fatturi varjabbli;

(j) "fattur varjabbli" tfisser karatteristika ta' unità li tkun qed tiġi osservata, li tista' tassumi aktar minn sett wieħed ta' valuri.

*Artikolu 3*

**Kopertura**

1. Id-data meħtieġa minn dan ir-Regolament għandha tkopri 98 % tal-erja agrikola użata (EAU) totali (eskluż il-ġonna kulinarji) u 98 % tal-unitajiet ta' bhejjem tal-Istat Membru.

2. Sabiex jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti, l-Istati Membri għandhom jipprovdu data rappreżentattiva tal-azjendi agrikoli u l-unitajiet agrikoli tal-art komuni li jissodisfaw mill-inqas wieħed mil-livelli limitu fiżiċi elenkati fl-Anness II fir-rigward tad-daqs tal-art agrikola jew in-numru ta' unitajiet ta' bhejjem.

3. Eċċezzjonalment, fejn il-qafas tal-istħarriġ speċifikat taħt il-paragrafu 2 jirrappreżenta aktar minn 98 % tal-produzzjoni agrikola nazzjonali, imkejla bl-Output Standard skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1198/2014[12], l-Istati Membri jistgħu, soġġett għal approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni (Eurostat), jistabbilixxu livelli limitu fiżiċi jew ekonomiċi korrispondenti ogħla biex inaqqsu l-qafas tal-istħarriġ, dment li tintlaħaq il-kopertura ta' 98 % tal-erja agrikola użata totali (eskluż il-ġonna kulinari) u 98 % tal-unitajiet ta' bhejjem tal-Istati Membri.

4. Fejn il-qafas tal-istħarriġ speċifikat skont il-paragrafu 2 ma jirrappreżentax 98 % tal-erja agrikola użata u 98 % tal-unitajiet ta' bhejjem, l-Istati Membri għandhom jestendu l-qafas billi jistabbilixxu livelli limitu aktar baxxi minn dawk imsemmija fil-paragrafu 2 jew billi jistabbilixxu livelli limitu addizzjonali, jew it-tnejn.

*Artikolu 4*

**Sorsi u metodi ta' data**

1. Għall-finijiet li tinkiseb id-data msemmija f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jużaw wieħed minn dawn is-sorsi jew il-metodi li ġejjin jew taħlita minnhom, bil-kondizzjoni li l-informazzjoni tippermetti l-produzzjoni ta' statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità mogħtija fl-Artikolu 11:

(a) stħarriġ statistiku;

(b) is-sorsi ta' data amministrattiva speċifikati fil-paragrafu 2;

(c) sorsi, metodi jew approċċi innovattivi oħrajn bil-kondizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 3.

[12] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1198/2014 tal-1 ta' Awwissu 2014 li jissupplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 321, 7.11.2014, p. 2).

2. L-Istati Membri jistgħu jużaw informazzjoni mis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (SIAK) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], is-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali bovini stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] u s-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004[3], ir-reġistru tal-vinji implimentat skont l-Artikolu 145 tar-Regolament (KE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4], u r-reġistri tal-biedja organika stabbiliti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007.[5] L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll sorsi amministrattivi assoċjati ma' miżuri ta' żvilupp rurali speċifiċi.

3. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw sorsi, metodi jew approċċi innovattivi li mhumiex dawk imsemmija fil-paragrafu 2, għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (Eurostat) matul is-sena preċedenti għas-sena ta' referenza u għandhom jipprovdu d-dettalji dwar il-kwalità tad-data miksuba minn dak is-sors u l-metodi ta' ġbir ta' data li ser jintużaw.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttivi 92/102/KEE u 64/432/KEE (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8).

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

[5] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2029/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

4. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess u użu ta' data, minnufih u mingħajr ħlas, inkluż data individwali dwar azjendi agrikoli u data personali dwar id-detenturi tad-data li tkun tinsab f'fajls amministrattivi miġbura fit-territorju nazzjonali tagħhom skont l-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. L-awtoritajiet nazzjonali u s-sidien tar-reġistri amministrattivi għandhom jistabbilixxu l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni meħtieġa.

*Artikolu 5*

**Data strutturali ċentrali**

1. L-Istati Membri għandhom jiġbru u jipprovdu d-data strutturali ċentrali ("data ċentrali") relatata mal-azjendi agrikoli msemmija fil-paragrafi (2) u (3) tal-Artikolu 3, għas-snin ta' referenza 2020, 2023 u 2026, kif elenkat fl-Anness III. Il-ġbir tad-data ċentrali għas-sena ta' referenza 2020 għandu jsir bħala ċensiment.

2. Il-ġbir tad-data ċentrali għas-snin ta' referenza 2023 u 2026 jista' jsir fuq kampjuni. F'dak il-każ l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati pponderati jkunu statistikament rappreżentattivi tal-azjendi agrikoli f'kull reġjun u li jitfasslu b'mod li jissodisfa r-rekwiżiti ta' preċiżjoni stabbiliti fl-Anness V.

3. Meta wieħed mill-fatturi varjabbli elenkati fl-Anness III ikollu prevalenza baxxa jew żero fi Stat Membru, il-fattur varjabbli jista' jiġi eskluż mill-ġbir tad-data dment li l-Istat Membru kkonċernat jipprovdi informazzjoni fejn jiġġustifika l-esklużjoni tiegħu b'mod debitu lill-Kummissjoni (Eurostat) fis-sena kalendarja li tippreċedi s-sena ta' referenza.

4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni bl-iskop li tispeċifika d-deskrizzjonijiet tal-fatturi varjabbli elenkati fl-Anness III, filwaqt li jiġi żgurat li dawn l-atti ta' implimentazzjoni jiġu ġġustifikati b'mod debitu u ma jimponux piż jew spiża addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq dawk li jwieġbu.

5. L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2) sa mhux aktar tard minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġobkom daħħlu d-data preċiża: id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 6 xhur, jew il-31 ta' Diċembru 2018, skont liema tiġi l-aħħar] għas-sena ta' referenza 2020, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021 għas-sena ta' referenza 2023 u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024 għas-sena ta' referenza 2026.

6. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 b'rabta ma' emendi tal-fatturi varjabbli elenkati fl-Anness III f'każ li dan ikun meħtieġ għall-fini tal-armonizzazzjoni mas-sorsi tad-data speċifikati fl-Artikolu 4(2), għas-snin 2023 u 2026. Fl-eżerċizzju tas-setgħa tagħha, il-Kummissjoni għandha tiżgura li tali atti delegati jissostitwixxu biss il-fatturi varjabbli elenkati fl-Anness III li ma jistgħux jibqgħu jinkisbu direttament mis-sorsi tad-data speċifikati. Fil-każ ta' sostituzzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-fatturi varjabbli l-ġodda jkunu ġejjin direttament mis-sorsi tad-data speċifikati fl-Artikolu 4(2). Barra minn hekk, għandha tiżgura wkoll li tali atti delegati jkunu ġustifikati kif dovut u ma jimponux piż jew spiża addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq dawk li jwieġbu.

7. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sat-30 ta' Settembru 2021 għas-sena ta' referenza 2023 u sat-30 ta' Settembru 2024 għas-sena ta' referenza 2026.

*Artikolu 6*

**Estensjoni tal-qafas**

1. L-Istati Membri li jestendu l-qafas skont l-Artikolu 3(4) għandhom jipprovdu data ċentrali dwar l-azjendi agrikoli inklużi f'dik l-estensjoni tal-qafas għas-sena ta' referenza 2020, fejn tkun koperta l-informazzjoni speċifikata fl-Anness III.

2. Il-ġbir ta' data dwar l-azjendi agrikoli fl-estensjoni tal-qafas jista' jsir fuq kampjuni. F'dak il-każ l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati pponderati jkunu statistikament rappreżentattivi tal-azjendi agrikoli f'kull reġjun u jitfasslu b'mod li jissodisfa r-rekwiżiti ta' preċiżjoni stabbiliti fl-Anness V.

*Artikolu 7*

**Data tal-modulu**

1. L-Istati Membri għandhom jiġbru u jipprovdu d-data tal-modulu ("moduli") dwar is-suġġetti u s-suġġetti dettaljati elenkati fl-Anness IV għas-snin ta' referenza li ġejjin:

   (a) il-modulu "Forza tax-xogħol u attivitajiet bi qligħ oħra" għall-2020, l-2023 u l-2026;

   (b) il-modulu "Żvilupp rurali" għall-2020, l-2023 u l-2026;

   (c) il-modulu "Akkomodazzjoni tal-annimali u ġestjoni tad-demel" għall-2020 u l-2026;

   (d) il-modulu "Irrigazzjoni" għall-2023;

   (e) il-modulu "Prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija" għall-2023;

   (f) il-modulu "Makkinarju u tagħmir" għall-2023;

   (g) il-modulu "Ġnien tal-frott" għall-2023;

   (h) il-modulu "Vinja" għall-2026.

2. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak il-ġbir ta' data għandu jinkludi l-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3(2) u fl-Artikolu 3(3).

3. Il-ġbir ta' data tal-moduli jista' jsir fuq kampjuni tal-azjendi agrikoli. F'dak il-każ l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati pponderati jkunu statistikament rappreżentattivi tal-azjendi agrikoli f'kull reġjun u jitfasslu b'mod li jissodisfa r-rekwiżiti ta' preċiżjoni stabbiliti fl-Anness V.

4. Il-moduli għandhom jinġabru minn sottokampjuni jew mill-unitajiet kollha fil-kampjun tal-azjendi agrikoli li għalihom tinġabar data ċentrali. Il-moduli għandhom jirriflettu s-sitwazzjoni fis-sena ta' referenza jew is-sena direttament qabel jew wara s-sena ta' referenza. Fi kwalunkwe każ, kull reġistru li jipprovdi informazzjoni dwar il-moduli għandu jkun akkumpanjat mid-data ċentrali elenkata fl-Anness III.

5. L-Istati Membri b'tal-inqas 1 000 ettaru ta' kwalunkwe għalla individwali, imsemmija taħt is-suġġetti dettaljati tal-modulu "Ġnien tal-frott" fl-Anness IV, li jipproduċu kompletament jew fil-biċċa l-kbira għas-suq, iridu jwettqu l-modulu "Ġnien tal-frott" għal dik l-għalla partikolari.

6. L-Istati Membri b'tal-inqas 1 000 ettaru ta' vinji mħawwla bi dwieli ta' għeneb għall-inbid, li jipproduċu kompletament jew fil-biċċa l-kbira għas-suq, iridu jwettqu l-modulu "Vinja".

7. L-Istati Membri b'inqas minn 2 % ta' erja saqwija tal-EAU, u mingħajr reġjuni fil-livell NUTS 2 b'tal-inqas 5 % ta' erja saqwija tal-EAU, huma eżentati milli jwettqu l-modulu "Irrigazzjoni".

8. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (Eurostat) b'każijiet fil-paragrafi 5, 6 u 7 sal-aħħar ta' Ġunju tas-sena li tippreċedi s-sena ta' referenza rispettiva.

9. Meta fattur varjabbli jkollu prevalenza baxxa jew żero fi Stat Membru, il-fattur varjabbli jista' jiġi eskluż mill-ġbir tad-data dment li tkun provduta informazzjoni li tiġġustifika l-esklużjoni b'mod debitu lill-Kummissjoni (Eurostat) fis-sena kalendarja li tippreċedi s-sena ta' referenza.

*Artikolu 8*

**Speċifikazzjoni teknika dwar id-data tal-modulu**

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni bil-għan li jkunu speċifikati l-elementi tekniċi li ġejjin tad-data li għandha tingħata għal kull modulu u s-suġġett u s-suġġett dettaljat korrispondenti elenkati fl-Anness IV:

   (a) il-lista tal-fatturi varjabbli;

   (b) id-deskrizzjonijiet tal-fatturi varjabbli.

2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2) sa mhux aktar tard minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data preċiża: id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 6 xhur, jew il-31 ta' Diċembru 2018, skont liema tiġi l-aħħar] għas-sena ta' referenza 2020, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021 għas-sena ta' referenza 2023 u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024 għas-sena ta' referenza 2026. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni ma għandhomx jimponu piż jew spiża addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri.

(2a) Meta jkunu qed jiġu adottati għall-ewwel darba l-atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw in-numru ta' fatturi varjabbli skont il-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, in-numru globali ta' fatturi varjabbli ċentrali u tal-modulu m'għandux jeċċedi n-numru ta' fatturi varjabbli trasmessi fuq bażi obbligatorja mill-Istati Membri f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011, kif ukoll l-atti adottati abbażi ta' dawk ir-Regolamenti.

(2b) Kull meta tkun meħtieġa data ġdida, sabiex ikun hemm rispons għall-ħtiġijiet tal-utenti u biex ikun previst ċertu livell ta' flessibbiltà b'mod limitat u kkontrollat, minbarra d-data diġà miġbura skont l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu [2a], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jiżguraw li għal kull modulu elenkat fl-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament, in-numru ta' fatturi varjabbli ma jiżdiedx min-numru ta' fatturi varjabbli trasmessi f'konformità ma' dawk l-ewwel atti ta' implimentazzjoni.

3. Għas-snin 2023 u 2026 il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 fir-rigward ta' emendi tas-suġġetti dettaljati elenkati fl-Anness IV. Fl-eżerċizzju tas-setgħa tagħha, il-Kummissjoni għandha tiżgura li tali atti delegati ma jżidux in-numru ta' fatturi varjabbli li jridu jingħabru kif speċifikat fil-paragrafu 2a u 2b. Barra minn hekk, għandha tiżgura li tali atti delegati jiġu ġustifikati kif dovut u ma jimponux piż jew spiża addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq min iwieġeb, u li massimu ta' 20 % tas-suġġetti dettaljati elenkati fl-Anness IV jinbidlu għal kull modulu b'atti delegati. Madankollu, jekk 20 % jirrappreżenta inqas minn suġġett dettaljat wieħed, xorta jista' jinbidel suġġett dettaljat wieħed.

4. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sat-30 ta' Settembru 2021 għas-sena ta' referenza 2023 u sat-30 ta' Settembru 2024 għas-sena ta' referenza 2026.

*Artikolu 9*

**Data ad hoc**

1. Għas-snin ta' referenza 2023 u 2026, il-Kummissjoni (Eurostat) għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni bil-għan li tispeċifika l-informazzjoni li għandha tingħata fuq bażi ad hoc permezz tal-għoti ta':

   (a) lista ta' mhux iktar minn għaxar fatturi varjabbli, li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni (Eurostat) u lill-unitajiet ta' kejl korrispondenti;

   (b) id-deskrizzjonijiet tal-fatturi varjabbli;

   (c) ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni;

   (d) is-sena ta' referenza;

   (e) il-perijodi ta' referenza;

   (f) id-dati tat-trasmissjoni.

2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2) sa mhux aktar tard minn 12-il xahar qabel ma tibda s-sena ta' referenza. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawk l-atti ta' implimentazzjoni ma jimponux piż jew spiża addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri.

*Artikolu 10*

**Perijodu ta' referenza**

L-informazzjoni miġbura għandha tirreferi għal sena ta' referenza unika li hija komuni għall-Istati Membri kollha b'referenza għas-sitwazzjoni matul perijodu ta' żmien jew data speċifika kif ġej:

(a) Għall-fatturi varjabbli dwar l-artijiet: perijodu ta' 12-il xahar li jintemm f'jum ta' referenza bejn l-1 ta' Marzu u l-31 ta' Ottubru tas-sena ta' referenza.

(b) Għall-fatturi varjabbli dwar l-irrigazzjoni u l-prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija, il-perijodu ta' referenza huwa perijodu ta' 12-il xahar li jintemm fis-sena ta' referenza, li għandu jiġi stabbilit minn kull Stat Membru bil-għan li jkunu koperti ċ-ċikli ta' produzzjoni relatati.

(c) Għall-fatturi varjabbli dwar il-bhejjem, l-akkomodazzjoni tal-annimali u l-ġestjoni tad-demel, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jum ta' referenza komuni fis-sena ta' referenza. Il-fatturi varjabbli dwar il-ġestjoni tad-demel għandhom jirreferu għall-perijodu ta' 12-il xahar li jinkludi dik id-data.

(d) Għall-fatturi varjabbli dwar il-forza tax-xogħol, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi perijodu ta' referenza ta' 12-il xahar li jintemm f'jum ta' referenza fis-sena ta' referenza.

(e) Għall-fatturi varjabbli dwar il-miżuri ta' żvilupp rurali implimentati fl-azjendi agrikoli individwali, il-perijodu ta' referenza għandu jkun il-perijodu ta' tliet snin li jintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' referenza.

(f) Għall-fatturi varjabbli l-oħra kollha, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jum ta' referenza komuni fis-sena ta' referenza.

*Artikolu 11*

**Kwalità**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-kwalità tad-data u tal-metadata trasmessi.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw il-kriterji ta' kwalità definiti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

3. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-data u tal-metadata trasmessi.

4. Għal dak il-għan, għal kull sena ta' referenza koperta minn dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni (Eurostat), rapport tal-kwalità li jiddeskrivi l-proċess statistiku u b'mod partikolari:

   (a) il-metadata li tiddeskrivi l-metodoloġija użata u kif intlaħqu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi b'referenza għal dawk stabbiliti minn dan ir-Regolament;

   (b) l-informazzjoni dwar il-konformità mar-rekwiżiti minimi għall-oqfsa tal-kampjunar użati, inkluż fl-iżvilupp u l-aġġornament tagħhom, kif stipulat f'dan ir-Regolament.

   Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-modalitajiet u l-kontenuti tar-rapporti ta' kwalità. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2) u ma għandhomx jimponu piż jew spiża addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri.

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (Eurostat) kemm jista' jkun malajr, dwar kwalunkwe informazzjoni jew bidla rilevanti fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li tista' tinfluwenza l-kwalità tad-data trasmessa.

6. Fuq talba ġustifikata kif dovut mill-Kummissjoni (Eurostat), l-Istati Membri għandhom jipprovdu kjarifika addizzjonali meħtieġa biex tiġi evalwata l-kwalità tal-informazzjoni statistika.

*Artikolu 12*

**Trasmissjoni tad-data u l-metadata u skadenzi**

1. Għas-sena ta' referenza 2020, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu data ċentrali u tal-modulu vvalidati u rapport tal-kwalità lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien 18-il xahar minn tmiem is-sena ta' referenza.

2. Għas-snin ta' referenza 2023 u 2026, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu data ċentrali u tal-modulu vvalidati u rapport tal-kwalità lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien 12-il xahar minn tmiem is-sena ta' referenza.

3. Id-data trasmessa lill-Kummissjoni (Eurostat) għandha tkun fil-livell tal-azjendi agrikoli individwali. Il-modulu u d-data ad hoc għandhom ikunu marbuta mad-data ċentrali elenkata fl-Anness III fil-livell tal-azjenda agrikola individwali għall-istess sena ta' referenza. Ir-reġistri pprovduti għandhom jinkludu l-fatturi ta' estrapolazzjoni.

3a. B'eċċezzjoni mill-paragrafu 3, l-Istati Membri li jużaw ir-reġistru tad-dwieli msemmi fl-Artikolu 4(2) bħala sors li jipprovdi data dwar il-modulu "Vinja" fl-2026 mhumiex obbligati jorbtu d-data tal-modulu mad-data ċentrali elenkata fl-Anness III fil-livell tal-azjenda individwali.

4. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu d-data u l-metadata bl-użu ta' format tekniku speċifikat mill-Kummissjoni (Eurostat). Id-data u l-metadata għandhom jiġu pprovduti lill-Kummissjoni (Eurostat) permezz tas-servizzi ta' punt uniku ta' aċċess.

*Artikolu 12a*

**Protezzjoni tad-data**[13]

1. Meta d-data personali tiġi pproċessata minn uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u/jew awtoritajiet nazzjonali oħra fl-interess pubbliku għal finijiet ta' statistika li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u jinżammu f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data għal tul ta' żmien li ma jeċċedix dak li jkun meħtieġ għall-iskop waħdieni li tinħoloq statistika tal-Unjoni, id-drittijiet imsemmija fl-Artikoli 15, 16, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2016/679 ma għandhomx japplikaw, f'konformità mal-Artikolu 89(2) tar-Regolament (UE) 2016/679.

2. Id-data personali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintuża biss għal finijiet ta' statistika, ma għandhiex tintuża biex jittieħdu miżuri jew deċiżjonijiet rigward kwalunkwe suġġett ta' data partikolari, għandha tkun soġġetta għal psewdonimizzazzjoni jew salvagwardji xierqa oħra fit-tifsira tal-Artikolu 89(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità tal-istatistika stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 223/2009.

*Artikolu 13*

**Kontribuzzjoni tal-Unjoni**

1. Bil-għan tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Unjoni għandha tipprovdi għotjiet lill-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għal:

   (a) l-iżvilupp jew l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tad-data, jew it-tnejn li huma;

   (b) l-iżvilupp ta' metodoloġiji u l-immodernizzar ta' teknoloġiji li għandhom l-għan li jtejbu l-kwalità jew inaqqsu l-ispejjeż u l-piż amministrattiv tal-ġbir u l-produzzjoni ta' statistika integrata dwar l-azjendi agrikoli jew it-tnejn li huma.

[13] Jenħtieġ li jitqies li ntlaħaq qbil provviżorju dwar it-test tal-Premessa 16a u l-Artikolu 12a, sakemm tingħata l-opinjoni tal-KEPD.

2. L-Istati Membri għandhom jirċievu għotjiet mill-Unjoni biex ikopru l-ispiża marbuta mal-ġbir ta' data speċifikat fl-Artikoli 5, 6 u 7, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-pakkett finanzjarju speċifikat fl-Artikolu 14.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 2 ma għandhiex taqbeż il-75 % tal-ispejjeż eliġibbli, soġġett għall-ammonti massimi speċifikati fil-paragrafi 4 u 5.

4. Għall-ispejjeż miġbura flimkien tal-ġbir tad-data ċentrali u tad-data tal-modulu għall-2020, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun limitata għall-ammonti massimi speċifikati hawn taħt:

(a) EUR 50 000 kull wieħed għal-Lussemburgu u għal Malta;

(b) EUR 1 000 000 kull wieħed għall-Awstrija, il-Kroazja, l-Irlanda u l-Litwanja;

(c) EUR 2 000 000 kull wieħed għall-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Portugall u r-Renju Unit;

(d) EUR 3 000 000 kull wieħed għall-Greċja, Spanja u Franza;

(e) EUR 4 000 000 kull wieħed għall-Italja, il-Polonja u r-Rumanija;

(f) EUR 300 000 kull wieħed għall-Istati Membri kollha l-oħra.

5. Għall-ġbir tad-data ċentrali u tad-data tal-modulu fl-2023 u l-2026, l-ammonti massimi speċifikati fil-paragrafu 4 għandhom jitnaqqsu b'50 %, soġġett għad-dispożizzjonijiet taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2020.

6. Għall-ġbir tad-data ad hoc speċifikata fl-Artikolu 9, l-Unjoni għandha tipprovdi għotjiet lill-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, biex ikopru l-ispiża marbuta mal-implimentazzjoni tal-ġbir ta' data ad hoc. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex taqbeż id-90 % tal-ispejjeż eliġibbli.

**7.** Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-għotjiet imsemmija fil-paragrafu 2 tingħata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija skont l-Artikolu 4(2)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013**.**

*Artikolu 14*

**Pakkett finanzjarju**

1. Il-pakkett finanzjarju tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ġbir ta' data għas-sena ta' referenza tal-istħarriġ 2020, inklużi l-approprjazzjonijiet meħtieġa għall-ġestjoni, iż-żamma u l-iżvilupp tas-sistemi tal-bażi tad-data li jintużaw fil-Kummissjoni biex tiġi pproċessata d-data pprovduta mill-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, għandu jkun ta' EUR 40 000 000 għall-perijodu 2018-2020, kopert mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020.

2. Wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-qafas finanzjarju pluriennali wara l-2020, l-ammont għall-perijodu ta' wara l-2020 għandu jkun stipulat mill-awtorità baġitarja u leġislattiva fuq proposta mill-Kummissjoni.

*Artikolu 15*

**Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet finanzjati taħt dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli konsistenti u effettivi u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsa ħażin u, fejn ikun il-każ, b'pieni amministrattivi u finanzjarji effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa ta' awditu, abbażi ta' dokumenti u verifiki fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotja, il-kuntratturi u s-subkuntratturi u l-partijiet terzi kollha li, direttament jew indirettament, ikunu irċevew fondi tal-Unjoni taħt il-Programm.

3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fejn l-operaturi ekonomiċi kkonċernati joperaw direttament jew indirettament minn dan il-finanzjament skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] u fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[15] bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt iffinanzjat, direttament jew indirettament, fil-qafas ta' dan ir-Regolament.

4. Il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-ftehimiet ta' għotja u d-deċiżjonijiet ta' għotja li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom espressament jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu tali awditi, verifiki u spezzjonijiet fuq il-post.

5. Fejn l-implimentazzjoni ta' azzjoni tiġi esternalizzata jew subdelegata, kompletament jew parzjalment, jew fejn tirrikjedi l-għoti ta' kuntratt ta' akkwist jew ta' appoġġ finanzjarju lil parti terza, il-kuntratt, il-ftehim ta' għotja jew id-deċiżjoni ta' għotja għandha tinkludi l-obbligu tal-kuntrattur jew tal-benefiċjarju li jimponu fuq kwalunkwe parti terza involuta l-aċċettazzjoni espliċita ta' dawk is-setgħat tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF.

6. Il-paragrafi 4 u 5 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3.

---

14 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

15 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.)

*Artikolu 16*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(6) u l-Artikolu 8(3) għal perijodu ta' ħames snin minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data preċiża tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħat sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża taċitament għal perijodi ta' tul identiku, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponix tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(6) u l-Artikolu 8(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat li jiġi adottat skont l-Artikolu 5(6) jew l-Artikolu 8(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 17*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(3) Jekk il-Kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(4) Sal-31 ta' Diċembru 2024, wara li tikkonsulta lill-ESSC, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni u l-kisba tal-objettivi ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 17a*

**Derogi**

B'deroga mill-Artikoli 5, 6(1), 7(1)(a), 7(1)(b), 7(1)(c), 8(2), 12(1), 13(4), 14(1) u l-Anness V, ir-referenzi għas-sena 2020 għandhom jiġu sostitwiti b'referenzi għas-sena 2019 jekk meħtieġ għall-Greċja, Spanja u l-Portugall.

*Artikolu 18*

**Tħassir**

1. Ir-Regolament (UE) Nru 1337/2011 għandu jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2022.
2. Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 għandu jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2019.
3. Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 19*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

**ANNESSI**

***għall-Proposta għal***

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istatistika integrata dwar l-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011**

## ANNESS I - Koeffiċjenti ta' unitajiet ta' bhejjem

| *Tip ta' annimal* | *Karatteristiċi tal-annimal* | *Koeffiċjent* |
|---|---|---|
| **Annimali bovini** | Ta' inqas minn sena | 0.400 |
| | Ta' bejn sena u sentejn | 0.700 |
| | Irġiel, ta' sentejn jew iktar | 1.000 |
| | Erieħ, ta' sentejn jew iktar | 0.800 |
| | Baqar tal-ħalib | 1.000 |
| | Baqar mhux tal-ħalib | 0.800 |
| **Nagħaġ u mogħoż** | | 0.100 |
| **Ħnieżer** | Ħnienes, ta' piż ħaj ta' taħt l-20 kg | 0.027 |
| | Ħnieżer nisa għat-tnissil, ta' piż ħaj ta' 50 kg jew aktar | 0.500 |
| | Ħnieżer oħra | 0.300 |
| **Tjur** | Tiġieġ tas-simna | 0.007 |
| | Tiġieġ tal-bajd | 0.014 |
| | **Tjur oħra** | |
| | Dundjani | 0.030 |

| | | |
|---|---|---|
| | Papri | 0.010 |
| | Wiżż | 0.020 |
| | Nagħma | 0.350 |
| | Tajr tat-tjur ieħor mhux ikklassifikati banda oħra | 0.001 |
| **Fniek, nisa tat-tnissil** | | 0.020 |

**Anness II - Lista tal-livelli limitu fiżiċi**[16]

| *Oġġett* | *Livell limitu* |
|---|---|
| Erja agrikola użata | 5 ha |
| Raba' | 2 ha |
| Patata | 0.5 ha |
| Ħaxix frisk u frawli | 0.5 ha |
| Pjanti aromatiċi, mediċinali u kulinarji, fjuri u pjanti ornamentali, żerriegħa u nebbieta, mixtliet | 0.2 ha |
| Siġar tal-frott, berries, siġar tal-ġewż, siġar tal-frott taċ-ċitru, għelejjel permanenti oħra esklużi mixtliet, vinji u siġar taż-żebbuġ | 0.3 ha |
| Vinji | 0.1 ha |
| Siġar taż-żebbuġ | 0.3 ha |
| Serer | 100 $m^2$ |
| Faqqiegħ kultivat | 100 $m^2$ |
| Bhejjem | 2 unitajiet ta' bhejjem |

[16] Il-livelli limitu japplikaw għall-grupp ta' oġġetti kif elenkat.

| Anness III – Data strutturali ċentrali: Fatturi varjabbli | | |
|---|---|---|
| ***Fatturi varjabbli ġenerali*** | | ***Unitajiet/Kategoriji għall-valuri*** |
| **Informazzjoni tal-istħarriġ** | | |
| - | Identifikatur tal-azjenda agrikola | ID tal-azjenda |
| **Post fejn tinsab l-azjenda** | | |
| - | Pożizzjoni ġeografika | Grilja ta' Unitajiet Statistiċi kif definit fit-taqsima 1.4 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabilità ta' settijiet ta' data u servizzi ġeografiċi |
| - | Reġjun NUTS 3 | Kodiċi NUTS 3 |
| - | L-azjenda agrikola għandha erjas identifikati li jiffaċċjaw limitazzjonijiet naturali skont ir-Regolament Nru 1305/2013. | L/M/O/N[17] |
| **Personalità ġuridika tal-azjenda** | | |
| - | Ir-responsabbiltà ġuridika u ekonomika tal-azjenda hija koperta minn: | |

[17] L - Erjas minbarra erjas muntanjużi li jaffaċċjaw limitazzjonijiet naturali sinifikanti; M - Erja muntanjuża inqas favorita; O - Erjas oħra affettwati minn limitazzjonijiet speċifiċi; N- erja normali (mhux LFA). Din il-klassifika tista' tiġi adattata fil-futur fid-dawl ta' żviluppi fil-PAK.

| | | |
|---|---|---|
| - | Persuna fiżika li hija d-detentur uniku, meta l-azjenda tkun indipendenti | iva/le |
| - | - Jekk iva, id-detentur huwa wkoll il-maniġer? | iva/le |
| - | - Jekk le, il-maniġer hu membru tal-familja tad-detentur? | iva/le |
| - | - Jekk iva, il-maniġer huwa żewġ/mart id-detentur? | iva/le |
| - | Persuna fiżika waħda jew aktar li hija/huma sħab, meta l-azjenda tkun azjenda-grupp | iva/le |
| - | Persuna ġuridika | iva/le |
| - | - Jekk iva, l-azjenda agrikola tagħmel parti minn grupp ta' intrapriżi? | iva/le |
| - | L-azjenda agrikola hija unità f'art komuni? | iva/le |
| - | Id-detentur jibbenifika minn appoġġ mill-UE għal art jew annimali tal-azjenda u għalhekk hu inkluż fis-SIAK | iva/le |
| **Maniġer tal-azjenda** | | |
| - | Sena tat-twelid | sena |
| - | Sess | mara/raġel |
| - | Ħidma agrikola fl-azjenda (minbarra l-ħidma fid-dar) | Firxiet ta' AWU[18] |

18 Firxa 2 ta' perċentwal ta' Unità ta' Xogħol Annwali (AWU): (> 0-< 25), (≥ 25-< 50), (≥ 50-< 75), (≥ 75-< 100), (100)

| | | |
|---|---|---|
| - | Taħriġ agrikolu tal-maniġer | Kodiċijiet ta' taħriġ |
| - | Taħriġ vokazzjonali mwettaq tul l-aħħar 12-il xahar | iva/le |
| **Tip ta' pussess tal-erja agrikola użata (fir-rigward tad-detentur)** | | |
| - | Biedja fuq art proprja | Ettari |
| - | Biedja fuq art mikrija | Ettari |
| - | Biedja kondiviża jew modi oħra ta' pussess | Ettari |
| - | Art komuni | Ettari |
| **Biedja organika** | | iva/le |
| - | Erja agrikola totali użata tal-azjenda li fuqha jiġu applikati u ċertifikati l-metodi ta' produzzjoni ta' biedja organika skont regoli nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea | Ettari |
| - | Erja agrikola totali użata tal-azjenda li qed tiġi konvertita għal metodi ta' produzzjoni organika li għandhom ikunu ċertifikati skont regoli nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea | Ettari |

| Fatturi varjabbli tal-art | | | | *Erja prinċipali totali* | *li minnha hija ċertifikata għal biedja organika u/jew qed tiġi konvertita għaliha* |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| **Erja agrikola użata (EAU)** | | | | Ettari | Ettari |
| - | **Raba'** | | | Ettari | Ettari |
| - | - | Ċereali għall-produzzjoni tal-ħabba (inkluża ż-żerriegħa) | | Ettari | Ettari |
| - | - | - | Qamħ komuni u spelt | Ettari | |
| - | - | - | Qamħ durum | Ettari | |
| - | - | - | Segala u taħlitiet ta' ċereali tax-xitwa (maslin) | Ettari | |
| - | - | - | Xgħir | Ettari | |
| - | - | - | Ħafur u taħlitiet ta' ċereali tar-rebbiegħa (ħabba mħallta minbarra maslin) | Ettari | |
| - | - | - | Żerriegħa tal-qamħirrun u taħlita taċ-ċifċiegħa tal-qamħirrun | Ettari | |
| - | - | - | Triticale | Ettari | |
| - | - | - | Sorgu | Ettari | |
| - | - | - | Ċereali oħra mhux ikklassifikati banda oħra (qamħ saraċin, millieġ, skalora, eċċ.) | Ettari | |
| - | - | - | Ross | Ettari | |
| - | - | Bus u ħemes imnixxfa u għelejjel li fihom il-proteini għall-produzzjoni tal-ħabba (inklużi żerriegħa u taħlitiet ta' ċereali u bus u ħemes) | | Ettari | Ettari |
| - | - | - | Piżelli tal-għalqa, fażola u lupin ħelu | Ettari | |
| - | - | Għelejjel tal-għeruq | | Ettari | Ettari |
| - | - | - | Patata (inkluża patata taż-żrigħ) | Ettari | Ettari |
| - | - | - | Pitrava taz-zokkor (eskluż iż-żerriegħa) | Ettari | Ettari |
| - | - | - | Għelejjel tal-għeruq oħra mhux ikklassifikati banda oħra | Ettari | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| - | - | Għelejjel industrijali | | | Ettari | Ettari |
| - | - | - | Żrieragħ taż-żejt | | Ettari | Ettari |
| - | - | - | - | Kolza u żrieragħ tal-kolza tan-nevew | Ettari | |
| - | - | - | - | Żerriegħa tal-ġirasol | Ettari | |
| - | - | - | - | Soja | Ettari | |
| - | - | - | - | Żerriegħa tal-kittien (oilflax) | Ettari | |
| - | - | - | - | Għelejjel taż-żrieragħ taż-żejt oħra mhux ikklassifikati banda oħra | Ettari | |
| - | - | - | Għelejjel tal-fibra | | Ettari | |
| - | - | - | - | Fibra tal-kittien | Ettari | |
| - | - | - | - | Qanneb | Ettari | |
| - | - | - | - | Qoton | Ettari | |
| - | - | - | - | Għelejjel tal-fibra oħra mhux ikklassifikati banda oħra | Ettari | |
| - | - | - | Tabakk | | Ettari | |
| - | - | - | Ħops | | Ettari | |
| - | - | - | Pjanti aromatiċi, mediċinali u kulinarji | | Ettari | |
| - | - | - | Għelejjel għall-enerġija mhux ikklassifikati banda oħra | | Ettari | |
| - | - | - | Għelejjel industrijali oħra mhux ikklassifikati banda oħra | | Ettari | |
| - | - | Pjanti li jinħasdu fi stadju bikri mir-raba' | | | Ettari | Ettari |
| - | - | - | Ħxejjex u mergħat temporanji | | Ettari | Ettari |
| - | - | - | Pjanti luguminużi maħsuda fi stadju bikri | | Ettari | |
| - | - | - | Qamħirrum aħdar | | Ettari | |
| - | - | - | Ċereali oħra maħsuda fi stadju bikri (minbarra l-qamħirrun aħdar) | | Ettari | |
| - | - | - | Pjanti oħra maħsuda fi stadju bikri mir-raba' mhux ikklassifikati banda oħra | | Ettari | |
| - | - | Ħaxix frisk (inkluż il-bettiegħ) u frawli | | | Ettari | Ettari |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| - | - | - | | Ħaxix frisk (inkluż il-bettiegħ) u frawli mkabbra b'rotazzjoni ma' għelejjel ortikulturali (ortikultura kummerċjali) | Ettari | |
| - | - | - | | Ħaxix frisk (inkluż il-bettiegħ) u frawli mkabbra b'rotazzjoni ma' għelejjel mhux ortikulturali (għelieqi fil-miftuħ) | Ettari | |
| - | - | Fjuri u pjanti ornamentali (minbarra mixtliet) | | | Ettari | |
| - | - | Żrieragħ u nebbieta | | | Ettari | Ettari |
| - | - | Għelejjel oħra tar-raba' mhux ikklassifikati banda oħra | | | Ettari | |
| - | - | Art mistrieħa | | | Ettari | |
| - | **Bur permanenti** | | | | Ettari | Ettari |
| - | - | Mergħat u ragħa, minbarra bwar mhux ikkultivati | | | Ettari | Ettari |
| - | - | Bwar mhux ikkultivati | | | Ettari | Ettari |
| - | - | Bur permanenti li ma għadux jintuża għal finijiet ta' produzzjoni u eliġibbli għall-ħlas ta' sussidji | | | Ettari | |
| - | **Għelejjel permanenti f'għelieqi fil-miftuħ (inkluż pjantaġġuni mhux antiki u temporanjament abbandunati, esklużi erjas li jipproduċu għall-konsum proprju biss)** | | | | Ettari | Ettari |
| - | - | Frott, berries u ġewż (minbarra frott taċ-ċitru, għeneb u frawli) | | | Ettari | Ettari |
| - | - | - | Frott taż-żerriegħa | | Ettari | |
| - | - | - | Frott bl-għadma | | Ettari | |
| - | - | - | Frott minn erjas klimatiċi subtropikali u tropikali | | Ettari | |
| - | - | - | Berries (minbarra l-frawli) | | Ettari | |
| - | - | - | Ġewż | | Ettari | |
| - | - | Frott taċ-ċitru | | | Ettari | Ettari |
| - | - | Għeneb | | | Ettari | |
| - | - | - | Għeneb għall-inbid | | Ettari | Ettari |
| - | - | - | - | Għeneb għall-inbid b'denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP) | Ettari | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| - | - | - | - | Għeneb għall-inbid b'indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) | Ettari | |
| - | - | - | - | Għeneb għal inbejjed oħra mhux ikklassifikati banda oħra (mingħajr DPO/IĠP) | Ettari | |
| - | - | - | Għeneb għall-ikel | | Ettari | |
| - | - | - | Għeneb għaż-żbib | | Ettari | |
| - | - | Żebbuġ | | | Ettari | Ettari |
| - | - | Mixtliet | | | Ettari | |
| - | - | Għelejjel permanenti oħra inkluż għelejjel permanenti oħra għall-konsum mill-bniedem | | | Ettari | |
| - | - | - | Siġar tal-Milied | | Ettari | |
| - | **Ġonna kulinari** | | | | Ettari | |
| **Art agrikola oħra** | | | | | Ettari | |
| - | Art agrikola mhux użata | | | | Ettari | |
| - | Erja msaġġra | | | | Ettari | |
| - | - | Imsaġar ta' newba qasira | | | Ettari | |
| - | Art oħra (art okkupata minn bini, irziezet, mogħdijiet, għadajjar u erjas mhux produttivi oħra) | | | | Ettari | |
| **Erjas ta' ħażna speċjali** | | | | | | |
| - | Faqqiegħ kultivat | | | | Ettari | |
| **Erja agrikola użata taħt ħġieġ jew għata għolja aċċessibbli** | | | | | Ettari | |
| - | Ħaxix, inkluż bettiegħ u frawli taħt ħġieġ jew għata għolja aċċessibbli | | | | Ettari | Ettari |
| - | Fjuri u pjanti ornamentali (minbarra mixtliet) taħt ħġieġ jew għata għolja aċċessibbli | | | | Ettari | |
| - | Għelejjel tar-raba' oħra taħt ħġieġ jew għata għolja aċċessibbli | | | | Ettari | |
| - | Għelejjel permanenti taħt ħġieġ jew għata għolja aċċessibbli | | | | Ettari | |
| - | EAU oħra taħt ħġieġ jew għata għolja aċċessibbli mhux ikklassifikati banda oħra | | | | Ettari | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Irrigazzjoni fuq erja ta' barra kultivata** | | | |
| - | Erja totali saqwija | Ettari | |

| Fatturi varjabbli tal-bhejjem | | | | *Numru totali ta' annimali* | *li minnhom huma ċertifikati għal biedja organika u/jew qed jiġu konvertiti* |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| **Annimali bovini** | | | | | ras |
| - | Annimali bovini ta' inqas minn sena | | | ras | |
| - | Annimali bovini, ta' bejn sena u sentejn | | | ras | |
| - | - | Annimali bovini rġiel, ta' bejn sena u sentejn | | ras | |
| - | - | Erieħ, ta' bejn sena u sentejn | | ras | |
| - | Annimali bovini rġiel ta' sentejn jew aktar | | | ras | |
| - | Bovini nisa ta' sentejn jew aktar | | | ras | |
| - | - | Erieħ ta' sentejn jew aktar | | ras | |
| - | - | Baqar | | ras | |
| - | - | - | Baqar tal-ħalib | ras | |
| - | - | - | Baqar mhux tal-ħalib | ras | |
| **Nagħaġ u mogħoż** | | | | | ras |
| - | Nagħaġ (ta' kull età) | | | ras | |
| - | - | Nisa tat-tnissil | | ras | |
| - | - | Nagħaġ oħra | | ras | |
| - | Mogħoż (ta' kull età) | | | ras | |
| - | - | Nisa tat-tnissil | | ras | |
| - | - | Mogħoż oħra | | ras | |
| **Ħnieżer** | | | | | ras |
| - | Ħnienes, ta' piż ħaj ta' taħt l-20 kg | | | ras | |
| - | Ħnieżer nisa għat-tnissil, ta' piż ħaj ta' 50 kg jew aktar | | | ras | |
| - | Ħnieżer oħra | | | ras | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Tjur** | | | | ras |
| - | Tiġieġ tas-simna | | ras | |
| - | Tiġieġ tal-bajd | | ras | |
| - | Tjur oħra | | ras | |
| - | - | Dundjani | ras | |
| - | - | Papri | ras | |
| - | - | Wiżż | ras | |
| - | - | Nagħma | ras | |
| - | - | Tajr tat-tjur ieħor mhux ikklassifikati banda oħra | ras | |
| **Fniek** | | | | |
| - | Nisa tat-tnissil | | ras | |
| **Naħal** | | | doqqajs | |
| **Ċriev** | | | iva/le | |
| **Annimali bil-pil** | | | iva/le | |
| **Bhejjem mhux ikklassifikati banda oħra** | | | iva/le | |

| **Anness IV - Suġġetti u suġġetti dettaljati fid-data tal-modulu** | | |
|---|---|---|
| ***Modulu*** | ***Suġġett*** | ***Suġġett dettaljat*** |
| **Forza tax-xogħol u attivitajiet bi qligħ oħra** | **Sostenibbiltà tal-ġestjoni tal-azjenda agrikola** | Età tad-detentur |
| | **Attivitajiet bi qligħ oħra** | Input ta' xogħol f'attivitajiet bi qligħ oħra, direttament relatati mal-attività tal-azjenda agrikola, bħala attività prinċipali jew sekondarja |
| | | Importanza tal-attivitajiet bi qligħ oħra direttament relatati mal-azjenda agrikola |
| | | Attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda jew ta' kumpanniji ffurmati għal dan il-għan |
| | **Profittabbiltà u effiċjenza tal-produzzjoni agrikola** | Forza tax-xogħol fl-azjendi agrikoli |
| | **Ekwità bejn is-sessi** | Sess tad-detentur |
| | | Bilanċ bejn is-sessi tal-forza tax-xogħol |
| | **Dipendenza fuq dħul agrikolu** | Attività bi qligħ oħra, ħidma mhux agrikola barra l-azjenda agrikola, prinċipali jew sussidjarja: |
| | | Detentur |
| | | Maniġer |
| | | Ħaddiema tal-familja tad-detentur |

| | | |
|---|---|---|
| | **Impatt fuq l-impjieg** | Numru ta' persuni impjegati |
| | **Kejl tal-input tax-xogħol** | Numru ta' persuni impjegati |
| | | Forza tax-xogħol mhux regolari impjegata mill-azjenda agrikola |
| | | Input ta' xogħol minn kuntratturi |

| | | |
|---|---|---|
| **Żvilupp rurali** | **Azjendi agrikoli appoġġati minn miżuri ta' żvilupp rurali** | Servizzi ta' konsulenza, ta' ġestjoni tal-azjendi agrikoli u ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli |
| | | Żvilupp tal-azjendi agrikoli u kummerċjali |
| | | Skemi ta' kwalità għall-prodotti u l-oġġetti tal-ikel agrikoli |
| | | Investimenti f'assi fiżiċi |
| | | Ir-restawr tal-potenzjal ta' produzzjoni tal-agrikoltura li tkun saritlu ħsara minn diżastri naturali u avvenimenti katastrofiċi u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni adatti |
| | | Investimenti fl-iżvilupp ta' erjas tal-foresti u titjib tal-foresti ta' vijabbiltà |
| | | Ħlasijiet tal-klima agroambjentali |
| | | Biedja organika |
| | | Ħlasijiet marbuta ma' Natura 2000 u d-Direttiva qafas dwar l-ilma |
| | | Ħlasijiet lil erjas li jaffaċċjaw limitazzjonijiet naturali jew limitazzjonijiet speċifiċi oħra |
| | | Trattament xieraq tal-annimali |
| | | Ġestjoni tar-riskju |
| **Akkomodazzjoni tal-annimali u ġestjoni tal-fertilizzant u tad-demel** | **L-ispeċijiet kollha tal-akkomodazzjoni tal-annimali** | Akkomodazzjoni tal-bovini |
| | | Akkomodazzjoni tal-ħnieżer |
| | | Akkomodazzjoni tat-tiġieġ tal-bajd. |
| | **L-użu tan-nutrijenti u l-produzzjoni ta' demel fuq l-azjenda agrikola** | EAU fertilizzata |
| | | Fertilizzanti organiċi u bbażati fuq l-iskart minbarra demel |
| | **Tekniki ta' applikazzjoni tad-** | Tip ta' frix |

| | | |
|---|---|---|
| | **demel** | Ħin ta' inkorporazzjoni |
| | **Faċilitajiet għad-demel** | Faċilitajiet għall-ħażna tad-demel |
| **Tisqija** | **Prattiki ta' tisqija** | Disponibbiltà tat-tisqija |
| | | Metodi ta' tisqija |
| | | Sorsi ta' ilma tat-tisqija |
| | | Parametri tekniċi tat-tagħmir tat-tisqija |
| | **Għelejjel imsaqqin tul perijodu ta' 12-il xahar** | Ċereali għall-produzzjoni tal-ħabba |
| | | Bus u ħemes imnixxfa u għelejjel li fihom il-proteini għall-produzzjoni tal-ħabba |
| | | Għelejjel tal-għeruq |
| | | Għelejjel industrijali |
| | | Pjanti li jinħasdu fi stadju bikri mir-raba' |
| | | Għelejjel oħra ta' raba' |
| | | Bur permanenti |
| | | Għelejjel permanenti |
| **Prattiki ta' Ġestjoni tal-Ħamrija** | **Prattiki ta' Ġestjoni tal-Ħamrija fuq art ta' barra** | Metodi ta' ħdim tar-raba' |
| | | Għata tal-ħamrija fuq ir-raba' |
| | | Newba tal-għelejjel fuq ir-raba' |
| | | Erja totali b'fokus ekoloġiku |
| | | Parteċipazzjoni fi skemi ta' ċertifikazzjoni ambjentali oħra |

| | | |
|---|---|---|
| **Makkinarju u tagħmir** | **Makkinarju** | Faċilitajiet tal-internet |
| | | Makkinarju bażiku |
| | | Użu ta' biedja ta' preċiżjoni |
| | | Makkinarju għall-ġestjoni tal-bhejjem |
| | | Ħżin għall-prodotti agrikoli |
| | **Tagħmir** | Tagħmir użat għall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli f'azjendi agrikoli |
| **Ġnien tal-frott** | **Frott taż-żerriegħa** | Tuffieħ: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni |
| | | Tuffieħ: Erja b'densità ta' siġar |
| | | Lanġas: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni |
| | | Lanġas: Erja b'densità ta' siġar |
| | **Frott bl-għadma** | Ħawħ: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni |
| | | Ħawħ: Erja b'densità ta' siġar |
| | | Nuċiprisk: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni |
| | | Nuċiprisk: Erja b'densità ta' siġar |
| | | Berquq: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni |
| | | Berquq: Erja b'densità ta' siġar |
| | **Frott taċ-ċitru** | Larinġ: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni |

| | | |
|---|---|---|
| | | Larinġ: Erja b'densità ta' siġar |
| | | Frott taċ-ċitru żgħir: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni |
| | | Frott taċ-ċitru żgħir: Erja b'densità ta' siġar |
| | | Lumi: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni |
| | | Lumi: Erja b'densità ta' siġar |
| | **Żebbuġ** | Erja skont l-età tal-pjantaġġuni |
| | | Erja b'densità ta' siġar |
| | **Għeneb għall-ikel u ż-żbib** | Għeneb għall-ikel: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni |
| | | Għeneb għall-ikel: Erja b'densità ta' vinji |
| | | Għeneb għaż-żbib: Erja skont l-età tal-pjantaġġuni |
| | | Għeneb għaż-żbib: Erja b'densità ta' vinji |
| **Vinja** | **Għeneb għall-inbid** | Erja u età |
| | **Varjetajiet ta' għeneb** | Numru ta' varjetajiet |
| | | Kodiċi u erja |

**Anness V - Rekwiżiti ta' preċiżjoni**

Id-data ċentrali (fl-2023 u l-2026) u d-data tal-modulu għandhom ikunu statistikament rappreżentattivi għall-popolazzjonijiet rilevanti tal-azjendi agrikoli kif definit fit-tabella ta' preċiżjoni hawn taħt fil-livell tar-reġjuni NUTS 2 f'termini tad-daqs u t-tip tal-azjendi agrikoli, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009[19], ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1198/2014 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/220[20].

Ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni japplikaw għall-fatturi varjabbli fit-tabella ta' hawn taħt.

Id-data fl-estensjoni tal-kwadru fl-2020 għandha tkun statistikament rappreżentattiva għall-popolazzjoni rilevanti fil-livell tar-reġjuni NUTS 2 kif definit fit-tabella ta' preċiżjoni hawn taħt.

Barra minn hekk, ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni definiti fit-tabella japplikaw għar-reġjuni NUTS 2 kollha b'mill inqas:

5 000 azjenda fil-popolazzjoni rilevanti għall-moduli "Ġnien tal-Frott" u "Vinja";

- 10 000 azjenda fil-popolazzjoni rilevanti għad-data ċentrali, għall-moduli l-oħra kollha u għad-data fl-estensjoni tal-kwadru.

Għar-reġjuni NUTS 2 b'inqas azjendi agrikoli r-rekwiżiti ta' preċiżjoni definiti fit-tabella japplikaw għar-reġjuni NUTS 1 assoċjati b'mill inqas:

- 500 azjenda fil-popolazzjoni rilevanti għall-moduli "Ġnien tal-Frott" u "Vinja";
- 1 000 azjenda fil-popolazzjoni rilevanti għad-data ċentrali, għall-moduli l-oħra kollha u d-data fl-estensjoni tal-kwadru.

---

19 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27).

20 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/220 tat-3 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabbiltà dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 46, 19.02.2015, p. 1).

Preċiżjoni nazzjonali ta' żball standard relattiv ta' massimu ta' 5 % huwa meħtieġ għal dawk il-fatturi varjabbli tal-moduli "Ġnien tal-Frott" u "Vinja" bl-ebda rekwiżit ta' preċiżjoni applikabbli għal kwalunkwe wieħed mir-reġjuni NUTS 2 u NUTS 1.

Preċiżjoni nazzjonali ta' żball standard relattiv ta' massimu ta' 7,5 % huwa meħtieġ għall-fatturi varjabbli kollha tal-moduli l-oħra bl-ebda rekwiżit ta' preċiżjoni applikabbli għal kwalunkwe wieħed mir-reġjuni NUTS 2 u NUTS 1 għal kwalunkwe fattur varjabbli.

**Tabella ta' preċiżjoni**

<table>
<tr><th>Popolazzjoni rilevanti</th><th>Fatturi varjabbli li għalihom japplikaw rekwiżiti ta' preċiżjoni</th><th>Prevalenza tal-popolazzjoni rilevanti</th><th>Żball standard relattiv</th></tr>
<tr><td colspan="4">Data ċentrali fl-2023 u l-2026 u<br>Modulu "Forza tax-xogħol u attivitajiet bi qligħ oħra"</td></tr>
<tr><td rowspan="2">Kif definit mill-Artikolu 5 għad-data ċentrali u mill-Artikolu 7 għall-modulu "Forza tax-xogħol u attivitajiet bi qligħ oħra".</td><td>Fatturi varjabbli tal-art<br>– Ċereali għall-produzzjoni tal-ħabba (inkluża ż-żerriegħa)<br>– Żrieragħ taż-żejt<br>– Pjanti li jinħasdu fi stadju bikri mir-raba'<br>– Ħaxix frisk (inkluż il-bettieħ), frawli, fjuri u pjanti ornamentali (minbarra mixtliet)<br>– Bur permanenti minbarra bwar mhux ikkultivati<br>– Frott, berries, ġewż u frott taċ-ċitru (minbarra għeneb u frawli)<br>– Għeneb<br>– Żebbuġ</td><td>7,5 % jew aktar tal-erja agrikola użata fir-reġjun</td><td>< 5 %</td></tr>
<tr><td>Fatturi varjabbli tal-bhejjem<br>– Baqar tal-ħalib<br>– Baqar mhux tal-ħalib<br>– Annimali bovini oħra (annimali bovini ta' inqas minn sena, annimali bovini ta' bejn sena u sentejn, annimali bovini rġiel ta' sentejn jew aktar, erieħ ta' sentejn jew aktar)<br>– Ħnieżer nisa għat-tnissil, ta' piż ħaj ta' 50 kg jew aktar<br>– Ħnienes ta' piż ħaj ta' taħt l-20 kg u ħnieżer oħra<br>– Nagħaġ u mogħoż<br>– Tjur</td><td>7,5 % jew aktar tal-unitajiet ta' bhejjem użati fir-reġjun u 5 % jew aktar tal-fattur varjabbli fil-pajjiż</td><td>< 5 %</td></tr>
</table>

| Data ċentrali għall-estensjoni tal-kwadru fl-2020 | | | |
|---|---|---|---|
| Kif definit mill-Artikolu 6 | *Fatturi varjabbli tal-art*<br>– Raba'<br>– Bur permanenti minbarra bwar mhux ikkultivati<br>– Għelejjel permanenti | 7,5 % jew aktar tal-erja agrikola użata fir-reġjun | < 7.5 % |
| | *Fatturi varjabbli tal-bhejjem*<br>– Total tal-unitajiet ta' bhejjem | 5 % jew aktar mill-fattur varjabbli fil-pajjiż | < 7.5 % |
| **Modulu "Żvilupp rurali"** u<br>**Modulu "Makkinarju u tagħmir"** | | | |
| Kif definit mill-Artikolu 7 | *Fatturi varjabbli tal-art* bħal dawk għall-modulu Forza tax-xogħol u attivitajiet bi qligħ oħra | 7,5 % jew aktar tal-erja agrikola użata fir-reġjun | < 7,5 % |
| | *Fatturi varjabbli tal-bhejjem* bħal dawk għall-modulu Forza tax-xogħol u attivitajiet bi qligħ oħra | 7,5 % jew aktar tal-unitajiet ta' bhejjem użati fir-reġjun u 5 % jew aktar tal-fattur varjabbli fil-pajjiż | < 7,5 % |
| **Modulu "Akkomodazzjoni tal-annimali u ġestjoni tad-demel"** | | | |
| Is-subsett tal-popolazzjoni tal-azjendi definit mill-Artikolu 7 b'mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin: annimali bovini, ħnieżer, nagħaġ, mogħoż, tjur | *Fatturi varjabbli tal-bhejjem* bħal dawk għall-modulu Forza tax-xogħol u attivitajiet bi qligħ oħra | 7,5 % jew aktar tal-unitajiet ta' bhejjem użati fir-reġjun u 5 % jew aktar tal-fattur varjabbli fil-pajjiż | < 7,5 % |
| **Modulu "Tisqija"** | | | |
| Is-subsett tal-popolazzjoni ta' azjendi agrikoli definit mill-Artikolu 7 b'erja saqwija | *Fatturi varjabbli tal-art*<br>– Erja totali saqwija | 7,5 % jew aktar tal-erja agrikola użata fir-reġjun | < 7,5 % |

| Modulu "Prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija" | | | |
|---|---|---|---|
| Is-subsett tal-popolazzjoni ta' azjendi agrikoli definit mill-Artikolu 7 b'raba' | *Fatturi varjabbli tal-art*<br>– Raba' | 7,5 % jew aktar tal-erja agrikola użata fir-reġjun | < 7,5 % |
| **Modulu "Ġnien tal-frott"** | | | |
| Is-subsett tal-popolazzjoni tal-azjendi definit mill-Artikolu 7 bi kwalunkwe wieħed mill-fatturi varjabbli ta' ġnien tal-frott individwali li jissodisfaw il-livell limitu speċifikat fl-Artikolu 7(5) | *Fatturi varjabbli tal-ġnien tal-frott*<br>– Il-fatturi varjabbli ta' ġnien tal-frott fost tuffieħ, lanġas, berquq, ħawħ, nuċiprisk, larinġ, frott taċ-ċitru żgħir, lumi, żebbuġ, għeneb għall-ikel, għeneb għaż-żbib li jissodisfaw il-livell limitu speċifikat fl-Artikolu 7(5) | 5 % jew aktar tal-erja agrikola użata fir-reġjun | < 7,5 % |
| **Modulu "Vinja"** | | | |
| Is-subsett tal-popolazzjoni ta' azjendi agrikoli definit mill-Artikolu 7 b'għeneb għall-inbid | *Fatturi varjabbli tal-vinja*<br>– Għeneb għall-inbid | 5 % jew aktar tal-erja agrikola użata fir-reġjun | < 7,5 % |